

31975L0440

L 194/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.7.1975

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tas-16 ta' Ġunju 1975****dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilma tal-wiċċ illi huwa maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb fl-Istati Membri**

(75/440/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi ż-żieda fl-użu tar-riżorsi ta' l-ilma għall-produzzjoni ta' l-ilma għall-konsum tan-nies teħtieġ it-tnaqqis fit-tniġġiż ta' l-ilma u l-protezzjoni kontra d-deterjorament li jsir bħala konsegwenza;

Billi jeħtieġ li s-saħħa pubblika tiġi protetta u li, b'dan il-għan, issir sorveljanza fuq l-ilma tal-wiċċ li huwa maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma għax-xorb u fuq it-trattament ta' purifikazzjoni ta' dan l-ilma;

Billi kull nuqqas ta' qbil bejn id-dispożizzjonijiet dwar il-kwalità meħtieġa ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb diġa applikati jew fi stat ta' preparazzjoni fid-diversi Stati Membri jista' joħloq kondizzjonijiet mhux ugwali tal-kompetizzjoni u b'hekk ikollu effett dirett fuq il-funzjoni tas-suq komuni; billi, jeħtieġ illi l-liġijiet f'dan il-qasam jiġu approssimati kif ipprovdut fl-Artikolu 100 tat-Trattat;

Billi jidher illi jeħtieġ li din l-approssimazzjoni tal-liġijiet tiġi akkompanjati b'azzjoni tal-Komunità sabiex wieħed mill-għanijiet tal-Komunità fl-isfera tal-protezzjoni ta' l-ambjent u u tat-titjib fil-kwalità tal-ħajja jista' jseħħ permezz ta' regolamenti aktar wiesgħa; billi ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi b'dan il-għan għandhom jiġu

stabbiliti; billi l-Artikolu 235 tat-Trattat għandu jiġi invokat minħabba l-fatt li l-poteri meħtieġa għal dan il-għan mhumiex ipprovduti fit-Trattat;

Billi l-programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent <sup>(3)</sup> jipprovdi li miri tal-kwalità għandhom jiffasslu flimkien billi jiġu stabbiliti l-ħtiġiet varji li ambjent irid jilħaq inter alia d-definizzjoni tal-valuri parametriċi għall-ilma, inkuż l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb;

Billi t-tfassil flimkien tal-ħtiġiet minimi tal-kwalità għall-ilma tal-wiċċ maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb ma jipprekludu la ħtiġiet aktar stretti fil-każ ta' dan l-ilma tax-xorb użat għal xi skop ieħor u lanqas il-ħtiġiet imposti mill-ħajja akwatika;

Billi jeħtieġ li l-valuri parametriċi li jiddefinixxu l-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ użat għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb jiġu riveduti fid-dawl ta' l-għarfien teknoloġiku u xjentifiku għdid;

Billi l-metodi li bħalissa qed jiffasslu sabiex jittieħdu kampjuni ta' l-ilma u sabiex jitqiesu l-parametri li jiddefinixxu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb ser jaqgħu taħt Direttiva li ser tiġi adottata mill-iktar fis possibbli,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva tinteressa l-ħtiġiet tal-kwalità li l-ilma ħelu tal-wiċċ użat jew maħsub għall-użu ta' l-produzzjoni ta' ilma tax-xorb, minn hawn il-quddiem riferit bħala "l-ilma tal-wiċċ", irid jilħaq wara l-applikazzjoni tat-trattament xieraq. L-ilma ta' taħt l-art, l-ilma salmastru u l-ilma maħsub għalbiex jergħu jimtlew

<sup>(1)</sup> ĠU C 62, tat-30.05.74, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU C 109, tad-19.09.74, p. 41.

<sup>(3)</sup> ĠU C 112, ta' l-20.12.73, p. 3.

is-saffi li fihom jagħmel l-ilma ma għandhomx jaqgħu taħt din id-Direttiva.

2. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-ilma tal-wiċċ kollu maħsub għall-konsum tan-nies u fornit permezz tas-sistemi tad-distribuzzjoni għall-użu pubbliku għandu jiġi meqjus bħala ilma tax-xorb.

#### Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva l-ilma tal-wiċċ għandu jinqasam skond valuri limitattivi fi tlett kategoriji, A1, A2 u A3, li jikkorrispondu għall-metodi standard xierqa tat-trattament stabbiliti fl-Anness I. Dawn il-gruppi jikkorrispondu għal tlett kategoriji differenti ta' ilma tal-wiċċ, il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi rispettivi li huma mniżżla fit-tabella fl-Anness II.

#### Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, għal kull punt fejn isir it-teħid tal-kampjuni, jew għal kull punt individwali tat-teħid tal-kampjuni, il-valuri li japplikaw għall-ilma tal-wiċċ għall-parametri kollha stabbiliti fl-Anness II.

L-Istati Membri jistgħu ma jistabbilixxux il-valuri tal-parametri li għalihom ma jidhrux valuri fit-tabella fl-Anness II, skond l-ewwel subparagrafu sakemm jiġu stabbiliti ċ-ċifri b'konformità mal-proċeduri fl-Artikolu 9.

2. Il-valuri stabbiliti skond il-paragrafu 1 ma jistgħux ikunu inqas stretti minn dawk mogħtija fil-kolonni "I" ta' l-Anness II.

3. Fejn hemm valuri fil-kolonni "G" ta' l-Anness II, sewwa jekk hemm valur li jikkorrispondi fil-kolonni "I" ta' l-Anness u sewwa jekk le, l-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom sabiex jirrispettawhom bħala linji ta' gwida, bla ħsara għall-Artikolu 6.

#### Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-ilma tal-wiċċ jikkonforma mal-valuri stabbiliti skond l-Artikolu 3. Kull Stat Membru għandu japplika din id-Direttiva mingħajr distinzjoni għall-ilmijiet nazzjonali u għall-ilmijiet li jaqsmu l-fruntieri tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom, b'mod konformi ma' l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw it-titjib kontinwu ta' l-ambjent. B'dan il-għan, għandhom ifasslu pjan sistematiku ta' azzjoni li jinkludi skeda taż-żmien għat-titjib ta' l-ilma tal-wiċċ u b'mod speċjali dak li jaqa' taħt il-kategorija A3. F'dan il-kuntest, irid jitwettagħ titjib konsiderevoli taħt il-programmi nazzjonali fl-10 snin li ġejjin.

L-iskeda taż-żmien riferita fl-ewwel subparagrafu għandha ssir fidawl tal-bżonn tat-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, u b'mod partikolari ta' l-ilma, u ta' l-ostakli ekonomiċi u teknoloġiċi li jeżistu jew li jistgħu jinqalgħu fir-reġjunijiet diversi tal-Komunità.

Il-Kummissjoni trid teżamina tajjeb il-pjanijiet riferiti fl-ewwel subparagrafu, inklużi l-iskedi taż-żmien, u jekk meħtieġ, tagħmel proposti xierqa lill-Kunsill.

3. L-ilma tal-wiċċ li l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi tiegħu jkunu inqas mill-valuri limitattivi mandatorji li jikkorrispondu għat-tip ta' trattament A3 ma jistax jintuża għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb. Madankollu, dan l-ilma ta' kwalità inferjuri jista' jintuża f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk proċessi xierqa — inkluż it-taħlit — jintużaw sabiex il-karatteristiċi tal-kwalità ta' l-ilma jitgħollew għal-livell ta' l-istandards tal-kwalità ta' l-ilma tax-xorb. Il-Kummissjoni trid tiġi nnotifikata dwar ir-raġunijiet għal dawn l-eċċezzjonijiet, fuq il-bażi ta' pjan tal-maniġġjar tar-riżorsi ta' l-ilma fiż-żona interessata, mill-iktar fis possibbli fil-każ ta' l-installazzjonijiet eżistenti, u bil-quddiem, fil-każ ta' installazzjonijiet ġodda. Il-Kummissjoni trid teżamina tajjeb dawn ir-raġunijiet u fejn meħtieġ, tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill.

#### Artikolu 5

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 4, l-ilma tal-wiċċ għandu jitqies illi jikkonforma mal-parametri rilevanti jekk kampjuni ta' dan l-ilma mittieħda f'intervalli regolari mill-istess punt tat-teħid tal-kampjuni u użati għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb juru li huwa konformi mal-valuri parametriċi għall-kwalità ta' l-ilma kkonċernat, fil-każ ta':

— 95 % tal-kampjuni għall-parametri konformi ma dawk speċifikati fil-kolonni "I" fl-Anness II,

— 90 % tal-kampjuni f'kull każ ieħor, u jekk fil-każ tal-5 jew 10 % tal-kampjuni li ma jikkonformawx:

(a) l-ilma ma jiddevjax mill-valuri tal-parametri interessati b'iktar min 50 %, għajr għat-temperatura, il-pH, is-soluzzjoni ta' l-ossiġenu u l-parametri mikrobijoloġiċi;

- (b) ma jistax jirriżulta periklu għas-saħħa publika;
- (ċ) kampjuni konsekuttivi ta' l-ilma mittieħda f'intervalli statisti-kament adattati mhumiex differenti mill-valuri parametriċi relevanti.

2. Sakemm tidħol fis-seħħ politika Komunitarja dwar il-kwistjoni, il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi ta' kull parametru, flimkien mal-metodi tal-kejl għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li għandhom iqisu l-volum ta' l-ilma prodott, l-estensjoni ta' l-produzzjoni, il-popolazzjoni moqdiya, il-grad tar-riskju ikkaġunat mill-kwalità ta' l-ilma u d-differenzi fil-kwalità skond l-istaġun.

3. Valuri ogħla minn dawk riferiti fil-paragrafu 2, ma għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-perċentwali riferiti fil-paragrafu 1 meta jirriżultaw minn għargħar jew diżastri naturali jew kondizzjonijiet tat-temp mhux normali.

4. It-teħid ta' kampjuni għandu jfisser il-post fejn l-ilma tal-wiċċ jiġi prodott qabel jintbagħat għat-trattament ta' purifikazzjoni.

#### Artikolu 6

L-Istati Membri jistgħu meta jridu jagħmlu regoli għall-ilma tal-wiċċ iktar stretti minn dawk stabbiliti fid-Direttiva.

#### Artikolu 7

It-tweġiq tal-miżuri li jittieħdu skond din id-Direttiva ma tista' taħt l-ebda ċirkostanza twassal b'mod dirett jew indirett għal tnaqqis fil-kwalità korrenti ta' l-ilma tal-wiċċ.

#### Artikolu 8

Din id-Direttiva tista' tiġi rtirata:

- (a) f'każ ta' għarar jew diżastri naturali oħra;
- (b) f'każ ta' parametri oħra mmarkati (O) fl-Anness II minħabba kondizzjonijiet meteoroloġiċi jew ġeografiċi eċċezzjonali;
- (ċ) fejn l-ilma tal-wiċċ jiġi arrikkit b'mod naturali b'ċerti sustanzi b'riżultat li jaqbeż il-limiti stabbiliti fil-kategoriji A1, A2 u A3 fit-tabella fl-Anness II;

- (d) f'każ ta' ilma tal-wiċċ f'laġi mhux fondi jew ilma tal-wiċċ kważi qiegħed, għall-parametri mmarkati b'asterisk fit-tabella fl-Anness II, billi din id-deroga tapplika biss għal-laġijiet b'fond li ma jaqbix il-20m, b'tibdil ta' l-ilma inqas minn darba f' sena, u mingħajr skariku ta' ilma ħażin għal ġo l-ilma.

L-arrikkiment naturali hawn ifisser li mingħajr l-intervent tal-bniedem, korp speċifikat ta' ilma jirċievi ċerti sostanzi li jinsabu fil-ħamrija.

L-eċċezzjonijiet ipprovvduti fl-ewwel subparagrafu ma' jistgħu fl-ebda każ ma jħarsux il-ħtiġiet tas-saħħa pubblika.

Meta Stat Membru jirrinunzja għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandu minnufih jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan u jiddikjara r-raġunijiet tiegħu u il-perjodi maħsuba.

#### Artikolu 9

Il-valuri numeriċi u l-lista tal-parametri stabbiliti fit-tabella ta' l-Anness II, li jfissru il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi ta' l-ilma tal-wiċċ jistgħu jiġu riveduti permezz ta' talba minn Stat Membru jew fuq proposta tal-Kummissjoni, kull meta l-għarfien tekniku u xjentifiku dwar il-metodi ta' trattament jiġi estiż jew l-i *standards* għall-ilma tax-xorb jinbidlu.

#### Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn min-notifikazzjoni tagħha. Għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan.

#### Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Frar 1975,

Għall-Kunsill

Il-President

R. RYAN

## ANNEX I

**Id-definizzjoni tal-metodi standard tat-trattament għat-tibdil ta' l-ilma tal-wiċċ tal-kategoriji A1, A2 u A3 filma għax-xorb***Kategorija A1:*

It-trattament fiżiku u d-diżinfekzzjoni sempliċi, p.e. il-filtrazzjoni u d-diżinfekzzjoni mgħaġġla.

*Kategorija A2:*

It-trattament fiżiku, it-trattament kimiku u d-diżinfekzzjoni normali, p.e. il-klorurazzjoni ta' qabel, il-koagulazzjoni, il-flokkulazzjoni, id-dekantazzjoni, il-filtrazzjoni, id-diżinfekzzjoni (il-klorurazzjoni finali).

*Kategorija A3:*

It-trattament fiżiku u t-trattament kimiku intensivi, it-trattament u d-diżinfekzzjoni estivi, p.e. il-klorurazzjoni sal-punt li ma jiflaħx iżjed, il-koagulazzjoni, il-flokkulazzjoni, id-dekantazzjoni, il-filtrazzjoni, l-assorbiment (karbonju attiv), id-diżinfekzzjoni (ożonu, klorurazzjoni finali).

---

**L-ANNEX II**  
**Il-karatteristiċi ta' l-ilma tal-wieċ maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb**

	Il-parametri	A1 G	A1 I	A2 G	A2 I	A3 G	A3 I
1	Il-PH	6.5 sa 8.5					
2	Il-kolorazzjoni (wara l-filtrazzjoni sempliċi)	Mg/l skala Pt	20 (0)	50	100 (0)	50	200 (0)
3	Il-total tas-solidi fis-sospensjoni	Mg/l SS					
4	It-temperatura	°C	25 (0)	22	25 (0)	22	25 (0)
5	Il-konduttività	$\mu\text{s}/\text{cm}^{-1}$ f'temperatura ta' 20 °C		1 000	1 000	1 000	
6	Ir-riħa	3		10		20	
7*	In-nitrati	Mg/l NO <sub>3</sub>	50(0)		50(0)		50(0)
8 (1)	Il-fluworidi	Mg/l F	1.5	0.7 sa 1		0.7 sa 0.7	
9	It-total tal-kloru organiku li jista' jiġi estratt	Mg/l Cl					
10*	Il-hadiid f'soluzzjoni	Mg/l Fe	0.3	1	2	1	
11*	Il-manganiż	Mg/l Mn		0.1		1	
12	Ir-ram	Mg/l Ca	0.05(0)	0.05		1	
13	Iż-żingu	Mg/l Zn	3	1	5	1	5
14	Il-boron	Mg/l B	1	1		1	
15	Il-berillju	Mg/l Be					
16	Il-kobalt	Mg/l Co					
17	In-nikil	Mg/l Ni					
18	Il-vanadju	Mg/l V					
19	l-arseniku	Mg/l As	0.05		0.05	0.05	0.1
20	Il-kadmju	Mg/l Cd	0.005	0.001	0.005	0.001	0.005
21	It-total tal-kromju	Mg/l Cr	0.05		0.05		0.05
22	Iċ-ċomb	Mg/l Pb	0.05		0.05		0.05
23	Is-silenju	Mg/l Se	0.01		0.01		0.01
24	Il-merkurju	Mg/l Hg	0.001	0.0005	0.001	0.0005	0.001
25	Il-barju	Mg/l Ba	0.1		1		1
26	Iċ-ċjanur	Mg/l Cn	0.05		0.05		0.05

(1) Il-valuri mogħjja huma l-ogħla limiti stabbiliti fir-rigward tal-medja tal-temperatura ta' matul is-sena (l-ogħla u l-inqas).

	Il-parametri	A1 G	A1 I	A2 G	A2 I	A3 G	A3 I
27	Is-sulfati	Mg/l SO <sub>4</sub>	250	150	250 (O)	150	250 (O)
28	Il-kloruri	Mg/l Cl	200	200		200	
29	Is-surfactants (li jirreaġixxu mal-metil blu)	Mg/l (sulfattal-lauryl)	0.2	0.2		0.5	
30* (1)	Il-fosfati	Mg/l P <sub>2</sub> O <sub>5</sub>	0.4	0.7		0.7	
31	L-aċidi karbolici (l-indiċi ta' l-aċidi karbolici) paranitranilina 4 aminoantipirina	C <sub>6</sub> H <sub>3</sub> OH	0.001	0.001	0.005	0.01	0.1
32	L-idrokarburi f'soluzzjoni jew emulsifikati (wara l-produzzjoni permezz ta' l-eteri tal-petroleum)	Mg/l	0.05		0.2	0.5	1
33	L-idrokarburi poliċikliċi aromatiċi	Mg/l	0.0002		0.0002		0.001
34	Pestiċidi totali (paratjon, BHC, dijeldrin)	Mg/l	0.001		0.0025		0.005
35*	Id-domanda għall-ossiġenu kimiku (COD)	Mg/l O <sub>2</sub>				30	
36*	Ir-rata tas-saturazzjoni ta' l-ossiġenu f'soluzzjoni	% O <sub>2</sub>	> 70	> 50		> 30	
37*	Id-domanda għall-ossiġenu bijokimiku (BOD <sub>5</sub> ) (f'temperatura ta' 20 °C mingħajr nitrifikazzjoni)	Mg/l O <sub>2</sub>	< 3	< 5		< 7	
38	In-nitroġenu permezz tal-metodu Kjeldahl (għajr għall-NO <sub>2</sub> )	Mg/l N	1	2		3	
39	L-ammonja	Mg/l NH <sub>4</sub>	0.05	1	1.5	2	4 (O)
40	Is-sustanzi li jistgħu jiġu estratti permezz tal-kloroform	Mg/l SEC	0.1	0.2		0.5	
41	It-total tal-karbun organiku	Mg/l C					
42	Il-karbun organiku residwu wara l-flokkulazzjoni u l-filtrazzjoni mill-membrana (5 μ) TOC	Mg/l C					
43	It-total tal-koliformi 37 °C	/100 ml	50	5 000		50 000	
44	Il-koliformi fekali	/100 ml	20	2 000		20 000	
45	L-istreptokokki fekali	/100 ml	20	1 000		10 000	
46	Is-salmonella		Mhux preżenti f'5 000 ml	Mhux preżenti f'1 000 ml			250 (O)

I = mandatorju.

G = ta' gwida.

O = kondizzjonijiet ġeografiċi jew ta-temp eċċezzjonali.

\* = ara l-Artikolu 8(d).

(1) Dan il-parametru għe inkluż għalbiex jissodisfa l-hiġiet ekoloġiċi ta' ċerti tipi ta' ambjent.